*TIBDIL FIL-KUNJOM TA' MARA MIZZEWGA*

*ART 244 TAL-KAP 16*

*DEED POLL*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar 2018

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Guramentat Numru : 330/2017/LSO**

**Dr David Zahra (ID 26183M) bhala mandatarju specjali ta' Lidija Cvijetic (detentrici ta' passaport Serb bin-numru 010071114)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Dr David Zahra (ID 26183M) bhala mandatarju specjali ta' Lidija Cvijetic datat 11 ta' April 2014 fejn espona: -

Illi nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) l-esponenti zzewget lil Darryl Joshua Jackson, cittadin Malti bin-numru tal-passaport 0964358.

Illi dan iz-zwieg sehh fir-Repubblika tas-Serbja, precizament f' Subotica, hekk kif jidher mill-att taz-zwieg mahrug mill-awtoritajiet Serbi u anness ma' dan ir-rikors u mmarkat bhala **DOK LC01**.

Illi l-esponent iddecidiet li zzomm isem xbubitha, 'Lidija Cvijetic', u ma zzidx kunjom zewgha ma' taghha immedjatament wara li zzewget, minhabba li kienet mehtiega li tivvjagga fil-pront.

Illi sussegwentament l-esponenti u r-ragel taghha rregistraw iz-zwieg taghhom fir-Registru Pubbliku ta' Malta korrettament skont kif gie rregistrat l-istess zwieg fis-Serbja permezz ta' DOK LC01.

Illi ftit snin wara li zzewget, l-esponent iddecidiet li tirritorna fis-Serbja u malli tasal izzid isem zewgha ma' taghha, u b'hekk isimha sar 'Lidija Cvijetic Jackson', hekk kif jidher mill-att taz-zwieg mahrug mill-awtoritajiet Serbi

sussegwentament u anness ma' dan ir-rikors u mmarkat bhala **DOK LC02.**

Illi l-att taz-zwieg Malti bin-numru 1901/2012 (kopja u estratt) annessi ma' dan ir-rikors u mmarkat bhala **DOK LC03**) baqa’ ma giex aggornat, u llum juri l-isem antik u ghaldaqstant inkorrett, tal-esponenti.

Illi l-esponent iddecidiet li tapplika ghal cittadinanza Maltija u nfatti giet approvata fl-intervista relevanti, izda giet infurmata li ma setghetx tinghata passaport Malti minhabba d-diskrepanza bejn ic-certifikat taz-zwieg taghha, li juri l-isem antik 'Lidija Cvijetic', u d-dokumentazzjoni l-ohra kollha li juru isimha komplut u aggornat taghha bhala 'Lidija Cvijetic Jackon'.

Illi prova ulterjuri ta' dan huwa l-isem tal-esponenti kif imnizzel fil-passaport Serb taghha mahrug mill-awtoritajiet Serbi, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala **DOK LC04** kif ukoll ic-certifikat ta' twelid taghha mahrug ukoll mill-awtoritajiet Serbi anness u mmarkat bhala **DOK LC05**.
Illi kwalsiasi dokument ufficjali relatat iehor jikkonferma b'mod car illi l-isem komplut u korrett tar-rikorrent huwa 'Lidija Cvijetic Jackson'.

Illi dan ir-rikors qieghed isir skont Artikolu 253 tal-Kodici Civili ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-aggornament opportun fl-att taz-zwieg li jgib in-numru 1901/2012 billi jizdied l-isem "Jackson" wara

l-kunjom taghha fejn hemm imnizzel l-isem tal-esponent fuq l-istess certifikat jew skont kif tordna din l-Onorabbli Qorti salv kull provvediment iehor li joghgobha tghati din l-Onorabbli Qorti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Mejju 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 15 ta' Mejju 2017 (fol 25) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh u dan abbazi tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari ukoll, *stante* li l-Avukat Dr David Zahra qed jidher ghan-nom tar-rikorrenti fil-proceduri istanti, l-esponent hija tal-umli fehma illi huwa mehtieg li tigi pprezentata l-awtorizzazzjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti sabiex l-istess Avukat Dr. David Zahra jkun jista' jagixxi fil-kapacita' ta' mandatarju specjali ghar-rikorrenti Lidija Cvijetic;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

4. Illi r-registrazzjoni tal-Att taz-Zwieg li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 1901 tas-sena 2012, saret *ai termini* **tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** F'dan l-istadju l-esponenti tissottometti illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku rregistra l-informazzjoni skont l-Att esteru li gie pprovdut lilu, liema dokument anness u mmarkat bhala 'Dok LC01' mar-rikors guramentat;

5. Illi l-esponenti umilment tirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrent kif ukoll mill-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti, mahrug mill-konvenut, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponenti;

6. Illi bla hsara ghal premess u fir-rigward tat-talba kif dedotta, l-esponenti teccepixxi illi gie stabbilit kemm mid-dibattiti parlamentari kif ukoll mill-giurisprudenza nostrana, l-**Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jippermetti biss korrezzjonijiet f’ isem jew ismijiet li persuna tuza fil-hajja ta' kuljum u mhux fil-kunjom;

7. Illi maghdud mal-premess, l-esponenti tkompli teccepixxi illi l-korrezzjoni li qed tintalab mir-rikorrenti *ai termini* **tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** tibbaza ruhha fuq talba ghal tibdil fil-kunjom li saret lill-Awtoritajiet Serbjani u li liema talba kienet giet akkolta hekk kif jixhed id-dokument mmarkat bhala 'Dok LC02' u anness mar-rikors guramentat. Tali tibdil awtorizzat minn pajjizi esteri, bhal ma huma d-*deed polls*, ma humiex accettati mil-ligi Maltija;

8. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti huwa tal-umli fehma illi t-talba kif dedotta ma timmeritax li tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti;

9. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 25 ta' Jannar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Nicole Briffa ghall-attur u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku. Dr Ellul ghad-Direttur intimat, issottomettiet illi ghat-talba kif dedotta fir-rikors guramentat hija irrimettiet ruhha ghall-gudizzju ta’ din il-Qorti u ghaldaqstant id-Dipartiment m'ghadux qed joggezzjona ghal tali talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequens* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-publikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** saret debitament fit-18 ta' April 2017 (fol 28-29) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

It-tieni eccezzjoni hija wkoll sorvolata peress, li giet esebita l-awtorizzazzjoni mehtiega (fol 35), fejn ir-rikorrenti tat prokura lil Dr. David Zahra biex jagixxi ghan-nom taghha. Ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrenti qed titlob li jigi korrett l-att taz-zwieg taghha kif registrat, billi mal-kunjom taghha ghandu jizdied il-kunjom ta' zewghha "Jackson".

Illi c-certifikat taz-zwieg gie registrat *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi li:

*"**244**.(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' Mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod*

*bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi f'kazijiet smili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor, dan jigi registrat skont id-dettami tal-istess artikolu 244, billi jigi riprodott dak imnizzel fic-certifikat esteru. Illi hija proprju f'dan is-sens, ir-raba' eccezzjoni tad-Direttur intimat, fejn gie eccepit li l-informazzjoni registrata hawn Malta tirrifletti dak indikat fl-att esteru provdut, Dok LC01 esebit, mar-rikors promotur.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Jirrizulta li r-rikorrenti zzewget fir-Repubblika tas-Serbja lil Darryl Joshua Jackson, cittadin Malti. Illi meta zzewget, hi sostniet li kellha ssiefer fil-pront, ghalhekk, zammet kunjomha u ma ziditx ukoll kunjom ir-ragel Jackson. In segwitu, gie registrat iz-zwieg taghhom f'Malta, fejn gie riprodott dak indikat fl-att taz-zwieg Dok LC01, fejn ir-rikorrenti kienet indikata bhala "Lidija Cvijetic." Jirrizulta li sussegwentement, mar-ritorn fis-Serbja, gie mahrug l-att taz-zwieg fejn gie korrett kunjom ir-rikorrenti b'mod li ziedet kunjom zewgha, b'hekk isimha jidher indikat f'Dok LC02, esebit mar-rikors promotur bhala "Lidija Cvijetic Jackson."

In sostenn ghat-talba taghha, hija esebiet Dok LC04, kopja tal-passaport Serb, u Dok LC05 l-att tat-twelid mahrug mill-Awtoritajiet Serbi fejn isimha huwa indikat bhala (Lidija Cvijetic Jackson." Gew esebiti wkoll Dok A sa Dok F (fol 16 *et sequens*) li huma kollha kopji ta' dokumenti esteri fejn kunjom ir-rikorrenti huwa indikat bhala "Cvijetic Jackson."

Inoltre` xehed **Darryl Joshua Jackson** permezz ta' affidavit, fejn ikkonferma li maz-zwieg taghhom fis-Serbja martu ma kinitx ziedet kunjomu peress li kellhom isiefru, izda sussegwentement mar-ritorn fis-Serbja inhareg att taz-zwieg gdid fejn ir-rikorrenti kellha kunjomu 'Jackson' mizjud.

Ikkunsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza hekk kif gie verbalizzat fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2018, u li l-istess intimat m'ghadux qed joggezzjona ghat-talba odjerna.

Ghalhekk, referibbilment ghas-sitt eccezzjoni, it-talba mhijiex talba ghal korrezzjoni ta' zball izda hija talba sabiex tiehu kunjom zewgha, ghalkemm izzewget barra minn Malta. Rigward, is-seba' eccezzjoni, id-Direttur intimat irrileva fil-verbal tal-25 ta' Jannar 2018, li mhux qed joggezzjona aktar ghat-talba kif dedotta.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Anthony Mallia et v Direttur tar-Registru Pubbliku** (31 ta' Jannar 2011). F'dik il-kawza, l-Qorti tal-ewwel istanza kienet iddisponiet hekk fir-rigward tar-rikonoxximent ta' *deed poll:*

*“'Din il-Qorti mhux sodisfatta bil-prova li saret. Ma gietx esebita kopja ufficjali ta’ dan l’hekk imsejjah 'deed poll', u lanqas prova tar-registrazzjoni taghha mal-awtoritajiet Inglizi. ....... Il-fatt li l-awtoritajiet Inglizi hargu passaport fuq l-attur bil-kunjom “Mallia”, ma jistax jitqies prova ta’ aktar minn dan.*

*Fuq kollox, dan il-kaz kien jirrikjedi li tigi pprezentata kopja ufficjali tad-'deed poll' u tar-registrazzjoni taghha, u xhieda tal-effetti ta’ dik l-istqarrija taht il-ligi Ingliza. Din il-Qorti ma gietx infurmata jekk b’rizultat ta’ dak id-'deed poll' saritx xi annotazzjoni fuq ic-certifikat tat-twelid Ingliz tal-attur, ma saritx 'proof of foreign law', f’dan il-kaz tal-ligi Ingliza, dwar il-validita` u l-effetti ta’ dik id-deed poll. Dik il-prova kienet tispetta lill-attur, u skont principji ta’ dritt internazzjonali privat, jekk ma ssirx tali prova, il-presunzjoni hi li l-ligi estera hi simili ghal dik Maltija. Fil-fatt fil-kawza* ***Saliba v. Lawson****, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta’ Frar 1932 intqal li:*

*'chi invoca in un gudizio l’applicazione di una legge straniera assume l’onere della prova dello stato di quella legge per rilevarne le differenze dalla legge locale, come dimostrazione di un punto di fatto, e non basta meramente citare quella lege; mancando tale prova, e` da applicare la legge locale.'*

*Taht il-ligi Maltija, wiehed ma jistax “jirrinunzja” ghall-kunjom u jaddotta iehor, u kwindi, taht il-ligi Maltija, dak id-'deed poll' jitqies null. Kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li,*

*taht il-ligi Ingliza, dak id-dokument hu validu, u ghandu l-effetti li jippretendi.*

*Ghalkemm ma hemmx zball fis-sens tal-ligi, din il-Qorti kienet tkun disposta li tordna li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega fuq l-att tat-twelid tal-attur biex jigi indikat li hu maghruf bil-kunjom "Mallia", kieku saret il-prova fuq indikata u gie muri bic-car li saret xi forma ta'registrazzjoni tal-bidla fuq ic-certifikat Ingliz, pero`, fin-nuqqas ta' din il-prova, din il-Qorti ma setghetx taqbel mat-talbiet tal-attur."*

Illi fil-kaz odjern, r-rikorrenti ghamlet din il-prova billi t-tibdil mitlub kien gie accettat fis-Serbja u l-att tat-twelid tar-rikorrenti gie ukoll debitament korrett (DOK 3). Inoltre esebiet opinjoni legali dwar il-ligi estera (Dok 4) u tad-decizjoni mehuda mill-awtorita` kkoncernata fis-Serbja (DOK 5) li approvat it-tibdil fil-kunjom, kollha debitament apostillati.

Ghalhekk, qed jintalab li jinghata rikonoxximent formali li hija tiehu wkoll kunjom zewgha ladarba dan gie korrett u awtorizzat mill-pajjiz esteru.

Ghaldaqstant, ser takkolji t-talba tar-rikorrenti.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fl-att taz-zwieg relattiv, numru 1901 tas-sena 2012. Ghalhekk, taqbel, li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet kif spjegat, billi tichadhom sa fejn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza, tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkorregi l-att taz-zwieg li jgib in-numru elf, disa' mija u wiehed tas-sena elfejn u tnax (1901/2012) billi mal-isem u kunjom "Lidija Cvijetic" jizdied il-kunjom "Jackson " wara l-kunjom "Cvijetic" .

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Frar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Frar 2018**